# DAWL FUQ IL-KURSARI TA' MALTA

Ħafna jaħsbu li l-kors, jew is-serq fil-piraterija fuq il-baħar beda hekk kif wasal fostna l-Ordni ta' San Ġwann. Iżda dan kollu mhux minnu, għax il-kors f'Malta kien ilu jsir sa qabel il-wasla tiegħu. Kien permezz tal-kors li l-ħajja f'Malta kienet xi ftit aħjar milli mistennija. Il-kursari kienu forza militari li l-Ordni sab stabbilità għad-dispożizzjoni tiegħu. Il-kors kien magħmul minn irġiel qalbenin, imħarrġin sew fl-armi u fil-battalji, u għalhekk ingħaddu bħala nies navali għall-Ordni f'pajjiżna. Aktar tagħrif fuq dan is-suġġett ksibtu għalikom mingħand Liam Gauci, Kuratur tal-Mużew Marittimu.





Il-Kursari tal-Prinċep ta' Malta fl-azzjoni. Waħda mil-lunetti fil-Palazz tal-Gran Mastri l-Belt Valletta. Anonima ċ 1764. Żejt fuq il-canvas.

minn **Charles B. Spiteri**

**Liam, kif semmejt diġà, ħafna jassoċjaw il-kors mal-Kavallieri u mal-Ordni, iżda hemm xhieda li dan inbeda fl-1432. X'kien ir-riżultat u kif daħlu l-kursara Maltin?**

F'Malta nsibu li ħafna nobbli Maltin armaw il-qxur tal-baħar li kellhom għall-kors. Iżda meta fl-1432 ir-Re Aragoniż attakkat lis-Saraċini fl-Afrika ta' Fuq, kien megħjun bil-kbir mill-bastimenti li kellhom il-kursara lokali Maltin, li kienu attivi ferm. Nafu li dak iż-żmien, kull oġġett li jżomm f'wiċċ il-baħar kien mgħammar sew għat-taqbid kontra l-bastimenti tas-Saraċini madwar il-Mediterran. Jirriżulta wkoll li Malta kienet tiddependi ħafna mill-baħar għall-għajxien ta' niesha u għalhekk il-ħtif u t-teħid tal-prejjeż, infirex f'Malta ta' qabel il-wasla tal-Ordni.

**Għaliex l-Ordni kien jiffavorixxi l-kors u x'kienet ir-rabta bejnu u s-sidien tax-xwieni?**

Għax jirriżulta li fl-1480 il-kursara Maltin kienu għenu lill-Ordni ta' San Ġwann fil-battalja tagħhom f'Rodi. Għalhekk meta l-Ordni ġie Malta, tejbu r-relazzjonijiet ta' bejniethom biex għamlu minn pajjiżna bażi aktar b'saħħitha fil-Mediterran.

**Jissemmew il-kursara Barbarossa, Dragut u Occhiali. Għal min kienu jaħdmu u min kien jiqfilhom?**

Naturalment dawn it-tlieta kienu jaħdmu favur l-Afrika ta' Fuq u kien l-Imperu Ottoman li spiss kien jiftaħar bihom. Iżda Malta laqgħetilhom bil-kbir permezz tal-figura u l-ħila spjetata ta' de Valette, li kien wera xi jsarraf ferm qabel ma laħaq Gran Mastru.

**Liema kienu l-aktar qawwiet dominanti fil-Mediterran, fis-seklu 16?**

Irridu niftakru li dak iż-żmien l-akbar gwerer kienu jkunu politiċi u reliġjużi. Kemm Spanja kif ukoll l-Imperu Ottoman kienu saru l-poteri dominanti fil-Mediterran u ħafna armati u navies twaqqfu kemm f'isem il-fidi Kristjana kif ukoll dik Musulmana.

**Meta kien li l-kursara qalbu minn irwol militari għal wieħed ekonomiku?**

Dan il-qlib li qed issemmi seħħ fil-bidu tas-seklu 17, għax ir-riżulta li l-ħtif kien qed jgħin lill-Kaxxa tal-monarki u tal-politiċi, kif ukoll lill-komunitajiet li jgħixu mal-port.

Seklu wara, il-kors ġie suġġett għal numru ta' regoli u kundizzjonijiet li kkontrollawlu l-ħidma tiegħu. Dawn il-liġijiet, imwaqqfa mill-qrati, trattati internazzjonali u liġijiet marittimi ddaħħlu biex jikkontrollaw l-attività tal-piraterija. Madankollu, ma setax jinstab mod faċli kif jinkisbu l-benefiċċji ekonomiċi.

**Għall-bidu l-ħtif jew akkwist tal-kors ma kienx regolat. Meta ġie regolat?**

L-ewwel tentattiv sar mill-Gran Mastru Alof de Wignacout. Fl-1605, hu waqqaf il-Magistrato degli Armamenti, kemm biex jirregola l-kors u biex jipprovdi statut għall-kursara. Kien sforz meħtieġ immens, fejn qabel kull żbark, il-kaptan kursar kellu jipprovdi rapport lill-Gran Mastru li fih jistqarr il-qawwa tal-bastiment, l-armamenti u l-proviżjonijiet li kellu. Barra minn dan, il-kaptan kellu jwiegħed li la jattakka u lanqas jimmolesta xwieni Nsara, peress li kien se jbaħħar f'isem l-Ordni ta' San Ġwann. B'hekk, il-Magistrato degli Armamenti kien qed iwaqqaf il-bażi għal sistema legali li kellha tirregola lill-kursara f'Malta.

**X'bandiera kienu jtajru u x'perikli kienu jippreżentaw biha?**

Hawn irridu nsemmu li l-Qorti kienet għamlet żball li aktar tard fis-seklu 17 irriżulta li kien fatali. Dan peress li ordnat li l-kursari jtajru l-bandiera tar-reliġjon, jew aħjar il-bandiera tal-Ordni ta' San Ġwann, li kienet salib abjad fuq sfond aħmar. Issa waqt li l-Qorti kienet attiva u ħsiebha fil-piraterija u l-bastimenti li joħorġu minn Malta, dawn, ladarba bil-bandiera tal-Ordni, kienu jaqgħu taħt il-Qorti tal-Appell ta' Ruma. Għalhekk meta ma kienx ikun hemm qbil fuq il-priża, l-akkużat dejjem seta' jappella lill-Papa f'Ruma, li kien il-kap ewlieni tal-Kavallieri ta' San Ġwann.

Ġara wkoll li lejn tmiem is-seklu 17, l-aktar negozju fil-Mediterran tal-Lvant kien fdat f'idejn il-merkanti Griegi, immexxija mill-Ottomani. Peress li l-Griegi kienu meqjusin bħala Nsara, u l-Magistrato ma ppermetta ebda attakk fuq bastimenti Nsara, dan naqqas ferm is-saħħa tal-bastimenti b'bandiera tar-reliġjon. U anki jekk il-Qorti ddikjarat li attakk kien ġust, il-vittmi Griegi setgħu faċilment jappellaw f'Ruma. Terġa' l-Papa kien dejjem attent biex jaħbi l-firda li kien hemm bejn il-Knejjes Kattoliċi u Ortodossi, u b'hekk l-appelli ta' Ruma rari ferm ħadmu favur il-kursari Maltin.

**Allura x'ġara biex il-Maltin jilqgħu għal dan kollu?**

Kien fl-1697 li l-Gran Mastru Ramon Perellos waqqaf il-Consolato del Mare, fil-kapaċità tiegħu ta' Prinċep ta' Malta. Hawn, il-Gran Mastru u l-Kunsill tiegħu kienu qed joħolqu mill-ġdid dak li kien ġa qed iseħħ fil-portijiet kummerċjali tal-Mediterran. L-istituzzjoni l-ġdida saret biex tipprovdi għat-tbaħħir kummerċjali f'Malta, u għalhekk, fi ftit snin, bdiet tieħu ħsieb kulma jikkonċerna lill-kursara li bdew itajru l-bandiera tal-Prinċep ta' Malta. Din il-bandiera ma kinitx il-bandiera tal-Ordni, iżda waħda li tirrappreżenta lill-Gran Mastru bħala Prinċep ta' pajjiżna.

Issa, il-bandiera tal-Gran Mastru kienet il-bandiera ta' Stat, u għalhekk tirrappreżenta lill-Prinċep, lill-Qorti u lid-dominju tiegħu. Fissret ukoll li b'xi mod twarrbet l-influwenza tal-Papa minn Ruma. Dan ma kien xejn ġdid, għax fl-1580, meta kien Gran Mastru de Verdalle, kien diġà kellu bastimenti f'ismu, u issa, wara dawn is-snin, ma kien hemm xejn, la fil-ftehim tal-Magistrato degli Armamenti u lanqas fil-Consolato del Mare, kontra l-użu ta' din il-bandiera.

Biex kollox jimxi b'normalità,

> "Hawn irridu nsemmu li l-Qorti kienet għamlet żball li aktar tard fis-seklu 17 irriżulta li kien fatali. Dan peress li ordnat li l-kursari jtajru l-bandiera tar-reliġjon, jew aħjar il-bandiera tal-Ordni ta' San Ġwann, li kienet salib abjad fuq sfond aħmar



Il-Gran Mastru Ramon Perellos, fil-monument li għandu fil-Konkatidral ta' San Ġwann.

kien il-Gran Mastru Perellos innifsu li f'nota qasira għarraf lill-Papa, li kienet teżisti lakuna u li l-Prinċep ta' Malta kien se jużaha favur tiegħu. Biha bdiet taqtigħa qawwija bejn Ruma u Malta, fejn inħoloq paradoss, għax il-Gran Mastru kellu żewġ setgħat: dik ta' Prinċep ta' Stat u mexxej sovran, waqt li jibqa' Prijur ta' kunvent li jwieġeb għal Ruma u l-Papa. Ġara għalhekk li waqt li l-bastimenti bil-bandiera tar-reliġjon baqgħu jaqgħu taħt Ruma, dawk bil-bandiera tal-Prinċep, kienu jwieġbu biss għal dak li jgħid il-Gran Mastru u mhux għall-Papa. Dan kollu inkoraġġixxa lill-kursara lokali biex aktar jarmaw il-bastimenti tagħhom f'pajjiżna.

Meta fl-1784, il-Codice de Rohan, stabbilixxa t-Tribunale degli Armamenti biex jieħu post il-Magistrato degli Armamenti, il-Gran Mastru saħħaħ il-qagħda tiegħu u l-Qorti nqasmet fi tnejn, għax kien dikjarat li issa, iż-żewġ bnadar kellhom iwieġbu għaż-żewġ fergħat differenti tat-Tribunal il-ġdid.

Il-bandiera tar-reliġjon baqgħet twieġeb għal Ruma, iżda l-bandiera tal-Prinċep, speċifikament u kategorikament, ma kinitx tbaxxi rasha għall-Papa.

L-istess tibdiliet kostituzzjonali taw ħajja ġdida lill-ekonomija tal-kors f'Malta, iżda l-qagħda internazzjonali wkoll laqtet il-parti tagħha biex tistimula lill-komunità ta' kursara lokali. Fl-1760, waqt il-Gwerra tas-Seba' Snin madwar id-dinja, Malta, pajjiż newtrali għall-qawwiet kollha Ewropej, kellha s-sehem diplomatiku tagħha.

**X'rabta nsibu bejn Malta, Franza u r-Russja?**

Is-snin ta' wara l-1770 kabbru l-interess Russu f'pajjiżna. Ir-Russi baqgħu jagħmlu użu mill-port Malti u l-faċilitajiet li joffri biex jesegwixxu gwerra fuq l-Imperu Ottoman. Sadanittant, il-konnessjonijiet li kellu l-Ordni ma' Pariġi nżammu wkoll. Tant, li ż-żwieġ bejn ittifel il-kbir tar-Re ta' Franza ma' Marie Antoinette, kien ċelebrat b'pompa kbira fostna. Kienu organizzati banketti ta' ikel (banquets) u ballijiet. Nisa sinjuri li kienu jgħixu f'dawk is-snin kienu mistiedna għall-festini li kienu jibqgħu sejrin sal-ħamsa ta' filgħodu.

Issa Franza kellha s-sehem ġust tagħha minn dak kollu li jinqabad mill-kors. Fl-istess snin, il-gwerra għall-indipendenza Amerikana, kienet qed iġġebbed lin-Navy Franċiża għal kollox, tant li ħafna kursari Maltin telqu mis-servizz ta' kursara mal-flotta lokali u ntbagħtu Franza biex iservu fil-flotta Franċiża.

Insibu li l-1779, 17 minn 81 raġel abbord bastiment tal-kursari Maltin ingħaqdu man-Navy Franċiża. Meta faqqgħet il-Gwerra bejn ir-Russi u t-Torok, bejn l-1787 u l-1792, l-involviment uffiċjali ta' Malta kien wieħed ta' newtralità. Iżda l-kursari bbażati fuq il-gżira aġixxew qabdu l-armi f'idejhom b'mod illegali favur it-Tsarina u għalhekk kontra l-Imperu Ottoman. Dan l-involviment kabbar l-interess Russu f'Malta u fl-Ordni.

Għall-kursara f'Malta, dan ħeġġiġhom jinvestu aktar fil-bastimenti u l-armamenti tagħhom. Għall-ewwel darba fi kważi seklu, individwi privati beda jkollhom bastimenti enormi għall-kors, b'kobor li kien jaqbeż lil dawk li kellu l-Ordni ta' San Ġwann innifsu.

**Kif intlaqtet Malta fi żmien ir-Rivoluzzjoni Franċiża?**

Fl-aħħar sforz biex l-Ordni jsalva lill-monarkija ta' dak l-Istat u probabbilment biex jipprova jsalva l-proprjetà tiegħu stess, il-Gran Mastru de Rohan, għen fil-ħarba tar-Re lejn Varenne. Din taf kienet waħda mill-gafef politiċi li kkommetta de Rohan innifsu.

> **"Fl-1760, waqt il-Gwerra tas-Seba' Snin madwar id-dinja, Malta, pajjiż newtrali għall-qawwiet kollha Ewropej, kellha s-sehem diplomatiku tagħha**

Il-Kumitat li kien qed jiggverna lil Franza, issekwestra l-proprjetà kollha li kellu l-Ordni, waqqfilhom il-flus kollha li kienu ġejjin fil-gżira u ġiegħel lill-Ordni jirtogħod mill-pedament.

F'dan il-ġenn kollu resqet opportunità: dehru ftit snin ta' profitt għall-komunità tal-pirati, li ħadd qabel ma seta' ħabbar. In-navy Franċiża ma kinitx għadha tipproteġi lill-merkanti Ottomani u l-kursari Barbari kisbu saħħithom. It-Tuneżija daħlet fl-inkwiet ma' Venezja u l-gwerra li rriżultat kattret l-investiment għall-flotta ta' pirati f'Malta.

**Mela dan kien l-aktar żmien ta' suċċess għall-kors?**

Bla dubju, hekk kienu s-snin tal-1790. Kienu għaxar snin ta' suċċess tremend, li tefgħu d-dada għall-gwerra qaddisa f'pajjiżna. Għall-ewwel darba f'għaxriet ta' snin, Malta kellha l-bastimenti privati ta' kursara, b'Kavallieri professati li servew ta' baħrin. Żminijiet imqallbin kienu jitolbu għal miżuri ddisprati mill-membri aristokratiċi tal-Ordni. Ordni li kien wasal biex ikun mirbuħ minn Franza l-ġdida, li hu pprova jopponi. Iżda meta wasal iż-żmien, fl-1798, il-kursari wrew li kienu għadhom jeżistu. Huma sempliċiment dawru r-rotta tagħhom, għax il-professjoni, antika għal sekli sħaħ, ma kinitx lesta ċċedi l-opportunitajiet profittabbli li kienu jinsabu fuq il-gżira Maltija. Għalhekk inbidlet il-bandiera u bdiet era ġdida.

**U meta Franza rivoluzzjonarja ħadet dawn il-passi kontra l-Ordni, x'ġara?**

L-Ordni kellu jdur għall-assi lokali li kellu f'pajjiżna. Il-kors kien wieħed mill-assi li kien lest għal kulma seta' jinqala'; jiġġenera l-flus, ix-xogħol u t-taħriġ.

Din il-forza paramilitari, li kienet il-flotta tal-kursara Maltin, kienet teħtieġ il-faċilitajiet mill-aqwa li kienet toffri t-Tarzna tal-Ordni. Il-faċilitajiet u l-ħiliet mill-ewwel kienu aċċessibbli u l-Ordni ħa l-aqwa vantaġġi mill-merċenarji tiegħu ta' fuq il-baħar. L-aqwa assi tal-Ordni fil-port kienu l-Arsenal u d-Dock numru 1. Sa minn tmiem is-seklu 18, il-port, partikolarment Galley creek, French creek u l-English creek, kienu qed iserrħu ħafna fuq xogħlijiet relatati mal-bini ta' bastimenti. Dawn l-istess faċilitajiet inkoraġġew it-twaqqif għal xogħol marbut mal-piraterija.

Li jintrama bastiment għall-kors fit-Tarzna kien faċli fuq gżiritna u apparti mill-ħtiġiet tal-Ordni, l-istess Ordni kera spazji oħra lil individwi privati. Kienx intenzjonat jew le, dawn l-individwi spiss spiċċaw involuti fil-kors innifsu.

**Allura l-kursara kienu jħallsu xi drittijiet biex jaħdmu fil-mestier tagħhom?**

Dażgur. Insibu li fl-1794 kien hemm il-Dritto di Ammiragliato, li kien il-ġbir ta' flus f'taxxa dovuti mill-kursari lill-Prinċep (de Rohan) talli jagħmlu użu mill-bandiera tiegħu. Għal dik is-sena biss, il-flus miġbura ammontaw għal 4,854 skud. Is-sena ta' wara, il-Gran Mastru rċieva 6,080 skud oħra. Din ma kinitx xi somma straordinarja, meta tqis l-ispejjeż tal-Ordni f'dawk l-aħħar snin f'Malta. Madankollu, wieħed irid iqis li fl-1792, il-bini ta' Forti Tignè, sewa 7,000 skud. Il-Balì Tignè kien ħareġ 1,000 skud u l-Gran Mastru de Rohan ħareġ il-kumplament ta' 6,000 skud.

Il-Dritto di Ammiragliato, magħruf ukoll bħala Dritto di Lancia, kien jispeċifika li 10% tal-profitt ġenerat mill-ħidma ta' piraterija kellha titħallas lill-Ordni. Għalhekk wieħed malajr jista' jikkonkludi li għas-sena 1795, il-kors f'Malta, iġġenera 6,800 skud. U meta tħares lejn din is-somma jkollok tammetti li ma kinux flus ġenerati minn xi attività ekonomika moribonda. U wieħed irid jiftakar ukoll li l-oġġetti mibjugħin kienu jġibu aktar flus minn hekk bħala valur fis-suq.

Iżda b'daqshekk ma rridux naħsbu li l-kors kien jiġġenera biżżejjed fondi biex ipatti għad-deficit finanzjarju tal-Ordni. Madanakollu, il-flus miksuba kienu dejjem xi ħaġa li l-Ordni ta' San Ġwann kien jieħu gost bihom.